MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR. VINCENT GALEA

Seduta tas-7 ta' April, 2014

Talba Numru. 51/2013

Tamara **MICALLEF [ID. Nru. 406691M]**

**Vs**

**Preluna Limited [C-56]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-30 ta' Jannar, 2013** u li permezz taghha talbu lis-socjeta intimata thallashom is-somma ta' elfejn mija sebgha u erbghin euro [€2,147][1] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Is-somma ta' elfejn mija seba u erbghin ewro [€2,147] mitluba f'dan l-avviz tirrappreżenta d-danni kollha sofferti mill-attrici Tamara Micallef, bhala riżultat ta' inċident illi sehh fi Triq Ghar id-Dud, tas-Sliema, fl-10 ta' Marzu, 2012 [Dok. A] meta waqt li l-attrici pparkjat il-vettura taghha bin-numru ta' reġistrazzjoni TAM-

[1] Dan l-ammont gie sussegwentement ridott ghal ammont ta' €1,907.85 u dan skond ma jirrizulta min-nota mressqa mir-rikorrenti fl-10 ta' Lulju, 2013 (fol. 56).

091 fl-imsemmija triq, waqa parti minn "scaffolding"[2] istallat mal-faccata tal-lukanda Hotel Preluna, ġestita mis-socjeta konvenuta.

Ghaldaqstant, is-socjeta konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-imsemmi inċident u konsegwenzjali danni subiti mill-attrici, bhala riżultat ta' negliġenza, traskuraġni u imperizja.

Bl-ispejjez, inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' April, 2012, tal-ittra uffiċjali tas-17 ta' Marzu 2012 u bl-imghax legali b'effett mis-17 ta' Marzu, 2012 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta, li hija ngunta ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata** minnha mressqa fis-27 ta' Frar, 2013 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"It-talbiet attriċi ghandhom jiġu michuda stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi s-socjeta konvenuta ma kellha ebda scaffolding installat mal-faccata tal-lukanda Preluna Hotel;

2. Illi s-socjeta konvenuta mhix responsabbli bl-ebda mod ghall-allegat inċident li ghalih qed titlob il-hlas l-attrici;

3. Illi, minghajr preġudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja jekk jirrizulta illi waqa xi haġa li hija proprjetà tas-socjeta konvenuta fuq il-vettura tal-attrici, jirrizulta car illi dan ma kienx prevedibbli bl-ebda mod minn-naha tas-socjeta konvenuta minhabba li dakinhar il-gzejjer Maltin kienu milquta minn irjieh u maltemp qawwi li ghamel hafna hsara u ghalhekk is-socjeta konvenuta mhix responsabbli bl-ebda mod.

[2] Fil-verbal datat 26 ta' Marzu, 2013 Dr. Alessia Zammit McKeon talbet li fejn hemm il-kelma "*scaffolding*" tidhol il-kelma gallerija. Dr. Claudine Pace Zarb ghas-socjeta intimata irrimettiet ruhha u t-Tribunal laqa' t-talba (ara fol. 12)

4. Illi minghajr preġudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja u fil-mertu, l-attrici trid iġġib il-prova tal-kwantum tad-danni;

   Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

   Bl-ispejjez"

Ra l-ahhar verbal tat-8 Jannar, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-talba, r-rikorrenti qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' €2,147 bhala danni minnha sofferti minhabba inċident li sehh fi Triq Ghar-id-Dud, ġewwa tas-Sliema fl-10 ta' Marzu, 2012 meta waqt li l-vettura taghha bil-pjanca ta' reġistrazzjoni TAM-091 kienet fl-imsemmija triq waqet parti minn gallerija installata mal-faccata tal-lukanda Hotel Preluna fuq l-istess vettura. Is-socjeta intimata da parti taghha qalet li ma kien hemm l-ebda scaffolding installat mal-faccata tal-lukanda Preluna. Sostniet ukoll li hija mhiex responsabbli bl-ebda mod ghall-allegat inċident u li minghajr preġudizzju ghal dan, jekk jirrizulta illi waqa xi haġa li hija proprjetà taghha fuq il-vettura tar-rikorrenti, jirrizulta car illi dan ma kienx prevedibbli bl-ebda mod minn-naha taghha minhabba li dakinhar il-gzejjer Maltin kienu milquta minn irjieh u maltemp qawwi li ghamel hafna hsara u ghalhekk hi mhix responsabbli bl-ebda mod. Finalment qalet li r-rikorrenti jehtigielha li ġġib il-prova tal-kwantum tad-danni;

Ikkunsidra;

2. Dwar il-kwistjoni ta' l-iscaffolding imsemmija mir-rikorrenti fit-talba taghha u mis-socjeta intimata fl-ewwel eccezzjoni taghha, t-tribunal jaghmel referenza ghall-verbal datat 26 ta' Marzu, 2013 fejn l-Avukat Dott. Alessia Zammit McKeon talbet li flok il-kelma "*scaffolding*" tidhol il-kelma gallerija. Dr. Claudine Pace Zarb ghas-socjeta intimata irrimettiet ruhha u t-Tribunal laqa' t-talba (ara fol. 12). Ghalhekk din il-kwistjoni ġiet risolta.

3. Imiss issa li tigi deciza t-Talba odjerna fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet imqanqla mis-socjeta intimata. Is-socjeta intimata fit-tieni u fit-tielet eccezzjoni taghha ssostni li hi ma hijiex responsabbli bl-ebda mod ghall-allegat incident u li jekk waqa xi haga fuq il-vettura tar-rikorrenti jirrizulta car illi dan ma kienx prevedibbli bl-ebda mod minn-naha taghha minhabba li dakinhar il-gzejjer Maltin kienu milquta minn irjieh u maltemp qawwi li ghamel hafna hsara u ghalhekk hi mhix responsabbli bl-ebda mod.

4. Mill-atti jirrizulta li r-rikorrenti fl-10 ta' Marzu, 2012 kienet marret taghmel rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema u skond ma jirrizulta mill-PIRS report "*... il-bierah ipparkjajt il-vettura taghha b'numru ta' registrazzjoni TAM-091 tal-ghamla mini copper gewwa ghar id-dud, sliema ghall-habta ta' 00:30hrs. Micallef Tamara ziedet tghid li ghall-habta tas-02:15HRS irritornat lura lejn il-vettura msemmija fejn sabet diversi hsarat, fost dawn il-hsarat kien hemm is-saqaf tal-vettura, l-bonnet u l-bieba ta' wara mghatnin, kif ukoll il-quater window ta' wara tan-naha tal-lemin mkissra, kif ukoll kien hemm diversi bicciet kbar tal-aluminium silver fit-triq*" (fol. 19-20). Meta investigaw il-pulizija, irrizultalhom li "*fuq ispezzjoni li saret dakinhar 10/03/2012 minn WPS215 f'Howard u Ghar id-Dud str gie nnutat li bicciet kbar ta' aluminium silver u hgieg li waqghu mill-Preluna Hotel*" (fol. 20).

5. **L-istess rikorrenti** xehdet u qalet li hija kienet ipparkeggjat il-vettura taghha fejn l-ATM machine li hemm hdejn il-Preluna Hotel. Dak-in-nhar, sostniet ir-rikorrenti "*... it was incredibly windy and I was having a great difficulty walking to my car*" (fol. 16). X'hin waslet fejn il-vettura taghha

hija rat ammont sostanzjali ta’ hgieg u bicciet kbar ta’ l-aluminium hdejha. Qalet li “*I opened the door to my car with great difficulty because f the windy conditions and lots of things flying around*” (fol. 16). Fuq dan il-punt, in kontro-ezami, hija qalet li riedet tfisser li “... *tant kien hemm rih ghaddej li kien hemm il-weraq, it-trab u anke r-rush tal-bahar u tant kien rih illi ma stajtx ngholli rasi minn ma l-art u kont qeghda nghatti ghajnejja b’idejja*” (fol. 108). X’hin bdiet issuq, hija xeghlet il-*wipers* tal-vettura taghha u dan peress li l-windscreen tal-vetttura kien kollu raxx tal-bahar u hemm skopriet li kellha l-*windscreen* imxaqqaq. Hija baqghet issuq lejn id-dar li tinsab ftit il-boghod minn fejn sehh l-incident. Ghamlet hekk l-ghaliex “*I did not want to stop the car because for me it was dangerous to get out of the car*” (fol. 16). X’hin ipparkeggjat il-vettura taghha fil-garaxx hija setat tara l-hsarat li kienet garbet il-vettura taghha. Tghid li “*the windscreen had a crack coming from the right hand side downwards, the bonnet had a dent about the third of the size of the bonnet, the window on the right hand side was shattered on the back, the roof was also dented and there were a lot of bumps on the car*” (fol. 16). Ir-rikorrenti tistqarr ukoll li dak-inhar, il-kundizzjonijiet kienu avversi. Hija qalet li hi ma rceviet l-ebda kumpens minghand is-socjeta assikurata taghha Atlas Insurance u dan peress li hija assikurata *third party*. Hija marret marret mas-surveyor fil-lukanda Preluna u hemm kellmet lil *maintenance manager*. Marru ukoll fil-kamra minn fejn waqghet il-gallarija. Qalet li l-*maintenance manager* tal-lukanda qalilha li “... *it was very windy and they could not do anything*” (fol. 16). Stqarret li “... *the balcony was held together as it was glass and aluminium with small rusty screws*” (fol. 16). Il-*maintenance manager* tal-lukanda infurmaha ukoll li s-socjeta intimata kellha tlett galariji simili li kienu waqghu dak-in-nhar. Ghalqet ix-xhieda taghha billi qalet li hi nefqet is-somma ta’ €2,147 sabiex irrangat il-vettura taghha.

In kontro-ezami, r-rikorrenti qalet li meta pparkeggjat il-vettura taghha quddiem il-lukanda Preluna ghal habta ta’ l-10:00p.m. kien hemm ir-rih pero ma rat xejn barra minn loku. Ziedet tghid li “*meta pparkjajt il-vettura tieghi jiena ma kelli l-ebda raguni ghalfejn ma nipparkjax il-karozza tieghi hemmhekk ma kien hemm xejn mhux floku*” (fol. 108). Meta imbaghad irritornat lura lejn il-vettura taghha, hija setat tara li “*ma l-art u madwar il-vettura tieghi kien hemm hafna hgieg u aluminium*”

(fol. 109). Meta marret taghmel ir-rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija l-ghada li kienet skopriet il-hsara, hija qalet li "... *s-surgenta lili qaltli illi kien hemm hafna lmenti fir-rigward tal-Preluna u l-hsara li garbu diversi vetturi u proprjeta ohra minhabba fiha*" (fol. 109).

6. **Henry Grech** xehed u qal li huwa jahdem ma' l-Atlas Insurance, u ghalkemm ir-rikorrenti ma kienitx koperta mis-socjeta minnu rapprezentata dwar dan l-incident, huma xorta joffru assistenza legali lill-assikurati taghhom u ghalhekk involvew ruhhom f'dan il-kaz. Huwa xehed li kien mar mar-rikorrenti u ma missierha fil-lukanda Preluna u hemm kellmu lil Charles Sammut, Head of Maintenance. Marru fil-kamra fejn kienet waqghet il-gallarija u hemm seta jikkonstata li l-viti li kienu qeghdin izommu lill-gallarija kienu msaddin. Ghadda biex esebixxa xi ritratti li ha huwa stess tal-gallarija in kwistjoni. Ix-xhud qal li l-lukanda, skond ma infurmah il-maintenance manager ma ghandhiex programm ta' manutenzjoni izda huma jirrejagixxu meta jkollhom xi ilment. Zied ighid, li dan il-maintenance manager qal li "... *meta jkun hemm gale warning cioe meta jkun ser ikun hemm xi maltempata ta' rih huma jduru gallerija gallerija u jixxejkjawhom biex jaraw jekk humiex marbutin sew jew le*" (fol. 41). In kontro-ezami, x-xhud qal li jaf bhala fatt li fl-10 ta' Marzu, 2012 kien hemm maltempata qawwija u kienu saru xi *claims* mas-socjeta minnu rapprezentata. Fil-*motor claims department* pero kull ma kien hemm kien il-*claim* li kien sar mir-rikorrenti.

7. **John Galdes**, senior manager fil-*claims department* tas-socjeta GasanMamo Insurance Limited, s-socjeta assikurattrici tas-socjeta intimata xehed u qal li nhar l-10 ta' Marzu, 2012 kien hemm grigalata qawwija u kien hemm hafna maltemp. Il-lukanda Preluna, proprjeta tas-socjeta intimata tinsab faccata direttament tal-grigal. Meta dan ix-xhud ivverifika mal-maltaweather.com huwa ikkonstata li il-qawwa tar-rih ta' dak-in-nhar kienet telghet ghal forza ghaxra (10). Sforz din il-maltempata, il-lukanda Preluna soffriet hsarat fl-ammont ta' €16,196. Fil-fatt, minhabba din il-maltempata, lis-socjeta minnu rapprezentata dahlulha sitta u tmenin (86) *claim* b'valur totali ta' €145,000. Is-socjeta intimata rceviet hlas mis-socjeta GasanMamo Insurance Limited ghal hsarat li hija garbet. Ix-xhud esebixxa diversi ritratti biex juri l-hsarat li

garbet l-imsemmija lukanda minhabba din il-maltempata. Qal li l-aperturi tal-lukanda Preluna huma kollha tal-aluminium u ghalhekk ma jehtigilhomx xi manutenzjoni specjali. Minn stharrig li huwa ghamel mal-addetti tal-lukanda Preluna, irrizultalu li l-gallariji li kien hemm kienu ghadhom dawk originali meta kienet twaqqfet u li kemm ilha stabbilita l-lukanda "... *qatt ma kellhom incident fejn inqalghet gallerija minn postha*" (fol. 61). Is-surveyor tas-socjeta minnu rapprezentata ukoll ezamina l-vettura tar-rikorrenti. In kontro-ezami, qal li l-lukanda Preluna garrbet hafna hsarat dak-in-nhar tal-maltempata. Jghid li inqalghu 3 bibien kbar tal-aluminium u bqghu dehlin gol-kmamar, waqghet il-gallerija in kwistjoni, numru ta' hgieg imkisser, partitions bejn il-galleriji, hand rails, soffiti li xxarbu, twappet li xxarbu minhabba d-dhul tal-ilma u aperturi ohra. Xehed ukoll li l-gallarija li waqghet tinsab fil-parti l-gdida tal-lukanda u ilha mibnija madwar 20 sena. Il-bibien tal-conference room li gew imbuttati l-gewwa minhabba din il-maltempata kienu ukoll jinsabu fil-parti l-gdida tal-lukanda. Ix-xhud ghalaq billi qal li "... *l-fatt illi jkollok sitta u tmenin (86) claim f'gurnata wahda hija xi haga straordinarja...*" (fol. 62).

8. **Joe Vella**, *assistant general manager* tas-socjeta intimata qal li xogholu jinkludi l-*overall operation* tal-lukanda. Qal li huwa sar jaf bil-*claim* tar-rikorrenti meta kien hemm persuna li cemplitlu u talbitu tmur tara l-*premises* taghhom. Fil-fatt huwa ltaqa maghha u ma persuna ohra minn kumpanija ta' l-assikurazzjoni. Huma marru jaraw il-gallarija li kienet inqalghet bil-maltempata li kien hemm fl-10 ta' Marzu, 2012. Qal li "*6. Il-maltempata kienet wahda qawwija ferm iktar mis-soltu u apparti ghall-fatt illi kien hemm xita qawwija kien hemm ukoll rih qawwi hafna akkumpanjat minn sand storm. Fil-fatt dan il-maltemp tant kien qawwi li sahansitra kien qala r-revolving door minn postu u ma setghax idur kif suppost. Dan ir-revolving door jinsab irtirat il-gewwa fl-entratura tal-lukanda taghna izda xorta wahda intlahaq mir-rih u kkawzalu hsara*" (fol. 87). Zied ighid li d-*duty manager* tal-lukanda kien irraporta li l-maltemp tant kien qed jahkem fuq dik in-naha tal-kukanda minn fejn waqghet il-gallarija in kwistjoni illi l-persuni li kienu qeghdin jokkupaw kmamar f'dik il-parti tal-lukanda kienu talbu li jibdlu l-kmamar taghhom minhabba li kienu qeghdin jibzghu mill-intensita tar-rih.

Dwar il-gallarija in kwistjoni, x-xhud qal li din "... *kienet fir-raba sular u li kien gara kien illi r-rih tant kien qawwi illi kien qaccat il-bolts tal-gallerija minn mal-art u minn mal-hajt u l-gallarija kienet waqghet*" (fol. 87). Qal li skond ma jirrizulta mir-ritratti esebiti, "... *l-angle mal-hajt baqa imwahhal f'postu u ma inqalax u l-vit tieghu kien tajjeb u ma kienx imsaddad*" (fol.87).

Qal li r-rikorrenti allegat li l-vettura taghha kienet ipparkjata taht din il-gallarija u xi partijiet mir-railing waqghu fuq l-imsemmija vettura. Qal li pero, r-rikorrenti ma marritx tinforma lid-*duty manager* li kien il-lukanda dak-in-nhar tal-maltempata u lanqas ma urietu l-vettura taghha, fejn kienet ipparkjata u xi hsarat garbet.

Zied ighid li l-lukanda Preluna ghandha *maintenance team* li jiehdu hsieb il-manutenzjoni tal-lukanda u jaraw li l-post huwa mizmum b'mod adegwat. Ghar-rigward tar-ritratt ezebit mill-assikurazzjoni tar-rikorrenti "*li juri vit imsaddad*" huwa qal li "... *dik il-gallarija mhix dik li fiha gara l-incident peress illi meta gew fuq il-post, u cioe granet wara l-maltempata, il-gallarija ma kienitx hemm u ghandi nghid ukoll illi dak ir-railing huwa ta' partition tant hu hekk illi fir-ritratt jidher madum maz-zewg nahat tar-railing*" (fol. 88).

Mistqosi dwar kemm ilhom hemm il-gallariji fuq in-naha tal-lukanda fejn waqghet il-gallarija in kwistjoni huwa qal li dawn ilhom installati hemm ghal dawn l-ahhar 25 sena. Qal li l-lukanda ghandha tlett enginiera li hija tqabbad f'kas li jkun hemm bzonn oltre impjegati taghha li huma nies tas-sengha. Kompla jghid li huma jkollhom *logs* tax-xogholijiet li jsiru fid-diversi kmamar tal-lukanda pero *logs* tax-xogholijiet li saru fuq l-istruttura ta' din il-gallarija ma ghandhomx. Qal li "*ma ghandnix ghax wisq probabbli ma jkun sar xejn xoghol fuq dik l-istruttura tal-gallarija*" (fol. 104). Is-socjeta intimata tinkariga persuna sabiex jdur u jara fejn ikun hemm bzonn li ssir manutenzjoni. Mistoqsi jekk kienx hemm xi hadd li ghamel manutenzjoni fuq din il-gallarija, huwa qal li ma kienx jaf.

9. **Mark Vella**, *managing director* tal-meteomalta qal li xogholu huwa ta' *weather forecasting*. Huwa esebixxa dokument li jindika r-rapport tat-temp ghal lokalita ta tas-Sliema bejn id-9 u l-10 ta' Marzu, 2012. Qal "*li*

*r-rih ikun forza ghaxra (10) fil-lokalita ta' Tas-Sliema tigi ftit drabi biss f'sena jigifieri tghoddhom fuq id wahda jekk mhux inqas*" (fol. 100).

10. Nibdew billi nikkunsidraw l-ewwel eccezzjoni mqanqla mis-socjeta rikorrenti. Din taqra hekk: "*Illi, preliminarjament, l-atturi m'ghandhomx locus standi judicio biex iressqu u jmexxu l-quddiem din il-kawza billi dwar kull haġa li tkun tolqot il-partijiet komuni ta' condominium huwa biss l-amministratur, fil-kapacita ġudizzjarja tieghu li jista iharrek is-socjeta intimata bhala wahda mill-condomini u dan kif stabbilit taht is-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 17 ta' l-Att Dwar il-Condominia (Kapitolu 398 tal-Ligijiet ta' Malta)*".

Ikkunsidra ulterjorment;

11. L-argumenti mressqa miz-zewg abbli difensuri kemm waqt li kienu qeghdin jittresqu l-provi f'dan il-kaz, kif ukoll fin-noti ta' osservazzjonijiet taghhom dettaljati huma b'sahhithom it-tnejn kemm legalment u kemm fattwalment. Pero hemm xi punti mill-fatti kif jirrizultaw u dokumenti esebiti li jxeqilbu d-decizjoni tat-Tribunal favur it-tezi rikorrenti. Mir-ritratti esebiti miz-zewg partijiet tidher il-gallarija in kwistjoni. Fuqha u tahtha jidhru ukoll gallariji simili li minkejja li kien hemm dan ir-rih qawwi, dawn xorta wahda baqghu hemm[3]. Hemm imbaghad ir-ritratti, esebiti mir-rapprezentant tas-socjeta Atlas, Henry Grech, li juru li l-viti li kienu qeghdin izommu din il-gallarija kienu msadda. Hemm imbaghad l-angle tal-hadid li tidher fid-dok. HG 8 (fol. 50) li tidher li giet spustjata minn postha meta waqghet il-gallarija in kwistjoni. Hija l-fehma tat-Tribunal illi kieku din il-gallarija kienet marbuta sew u li kien isirlha manutenzjoni regolari allura dan l-incident ma kienx isehh. Li jaqa *railing* tal-gallarija ifisser jew li kienet maltempata li rarament tkun rat bhala Malta jew inkellha li r-railing tal-gallarija in kwistjoni kellhu xi nuqqasijiet illi bi ftit attenzjoni u manutenzjoni regolari kienu jigi individwalizzati u rrangati. Ghalkemm jirrizulta li kienet maltempata qawwija, jirrizulta ukoll li r-railings tal-gallariji l-ohra tal-lukanda Preluna baqghu f'posthom. Meta Joe Vella, *assistant general manager* tas-socjeta intimata gie mistoqsi jekk is-socjeta intimata izzommx *logs* tal-manutenzjoni li tkun qeghda issir fil-

[3] Ara dok. HG 1 (fol. 43), dok. HG 13 (fol. 55) u dok. JG 1 (fol. 64) u dok. JG 2 (fol. 65);

lukanda, huwa wiegeb fl-affermattiv, u meta gie mistoqsi dwar il-*logs* li talvolta seta jkun hemm ghar-rigward ta' manutenzjoni ta' din il-gallarija partikolari, huwa qal li "*ma ghandnix ghax wisq probabbli ma jkun sar xejn xoghol fuq dik l-istruttura tal-gallarija*" (fol. 104). Hemm imbaghad ukoll l-allegazzjoni maghmula mir-rikorrenti, li qatt ma giet kontradetta mis-socjeta intimata u r-rapprezentanti taghha illi "*Preluna offered to pay one fourth (1/4) of the expenses of the car, however, this offer was made to me without prejudice*" (fol. 16). L-eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta intimata ma jhallu lok ghal ebda interpretazzjoni. Hija sostniet li ma ghandhiex twiegeb ghal dawn il-hsarat. Jekk verament is-socjeta intimata kienet qeghda issostni li hija ma kienet tahti xejn ghal akkadut, allura ma messha qatt ghamlet tali offerta anke jekk din l-offerta kienet saret bla pregudizzju mar-rikorrenti innifisha. Jew ma hijiex responsabbli ghal akkadut jew inkellha kellha responsabbilita.

12. It-Tribunal ma huwiex ser joqghod jidhol fuq il-gurisprudenza dwar il-forza magguri u l-kaz fortuitu l-ghaliex kif diga gie senjalat aktar il-fuq, in-noti ta' osservazzjonijiet taz-zewg partijiet jiccittaw gurisprudenza kopjuza u tajba fuq dawn il-punti. Ghalhekk ikun esercizju inutili li t-Tribunal joqghod jirrepetti dak li huwa diga maghruf.

13. Ghalhekk kollox ma kollox, u mehud in konsiderazzjoni l-provi kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal sejjer jilqa t-talba tar-rikorrenti.

14. L-ahhar eccezzjoni tas-socjeta intimata hija li r-rikorrenti kellha ggib il-prova tal-kwantum tad-danni. It-Tribunal ra l-verbal tal-10 ta' Lulju, 2013 fejn d-difensur tar-rikorrenti resqet nota ta' riduzzjoni u in vista ta' dan, d-difensur tas-socjeta intimata ddikjarat li hija ma hijiex tikkontesta l-*quantum*. Oltre dan, it-tribunal ra x-xhieda u dokumenti mressqa f'dan ir-rigward u jinsab sodisfatt li l-ammont reklamat – kif ridott – huwa dovut.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mressqa mis-socjeta intimata in kwantu dawn huma b'xi mod inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf disa mija u seba' euro u hamsa u tmenin

ċenteżmi ta’ euro [€1,907.85] bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mil-lum.

L-ispejjez huma kollha a kariku tas-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------